



# Iż-żjara tal-Gvernatur Charles Bonham Carter

## f'Ħal Balzan fl-1936

kitba ta' **Anton Camilleri**

Il-kwistjoni jekk il-Palazz u l-ġonna ta' San Anton jagħmlux ma' Ħal Balzan jew H'Attard ma bdietx il-bieraħ. Sa l-istess Gvernatur Bonham Carter kien stqarr li mhux ċert f'liema raħal ir-residenza tiegħu qegħda, iżda qegħda fejn qegħda, il-Balzanin jistgħu jqisuh parti minnhom, u l-istess jistgħu jqisuh in-nies ta' H'Attard u Ħal Lija. Dan qalu waqt żjara li, l-istess Gvernatur għamel f'Ħal Balzan il-Ħadd 19 ta' Lulju, 1936.



Bil-ħatra tiegħu f'Marzu ta' l-istess sena, wara l-mewt tal-Gvernatur Sir David Campbell, Bonham Carter beda sensiela ta' żjajjar fl-irħula Maltin u Għawdxin. B'kollox żar sittin parroċċa, li l-ebda Gvernatur jew Kummissarju Ċivili ma kien għamel sa mit-tmexxija ta' Sir Alexander Ball, 130 sena qabel. Fi kliem Bonham Carter stess hu sar jaf iżjed lil Malta u lill-Maltin, b'dak kollu li jħobbu u jobogħdu u fuq kollox tgħallem u ħa sehem fl-użanzi u d-drawwiet tagħhom. B'hekk ukoll hu seta' jiġbed lill-Maltin lejh u lejn il-Kuruna Ingliża, li kien qiegħed jirrappreżenta, u jirribatti l-propaganda pro-Taljana li f'dak iż-żmien kienet fl-aqwa tagħha.



L-Iscouts fuq iz-zuntier tal-knisja jilqgħu lill-Gvernatur

Il-Ħadd 19 ta' Lulju, Ħal Balzan sebaħ imżejjen bil-bnadar fuq il-bejt tal-knisja, tad-djar u tal-każini. Ħafna qabel il-wasla tal-Gvernatur in-nies inġabret barra maż-żewġ naħat tat-triq, u dawk li kienu joqogħdu l-misraħ jew qrib id-dar tal-kappillan ħarġu bi ħġarhom fil-bieb ta' darhom. Fis-sitta ta' filgħaxija wasal il-

Gvernatur mal-mara tiegħu, akkumpanjati mill-kaptan Salamone, il-Lieut. G. Elliott, il-maġġur Briffa de Piro u s-Sur A. Montanaro. Kif niżel mill-karozza l-Banda ta' l-Ammirall immexxija mis-Surġent Bellizzi daqqet il-"God Save the King", waqt li ġiet sparata l-musketterija minn fuq il-bejt tal-knisja, bħala salut.



Il-Gvernatur dieħel fid-dar tal-Kappillan

Wara l-Gvernatur spezzjona lill-Iscouts u l-Cubs tal-Balzan Troop, li ffurmaw gwardja ta' l-unur fuq iz-zuntier, taħt it-tmexxija ta' l-Island Commissioner E. Price, is-Sur L.C. Fenech u l-Group Scoutmaster is-Sur L. Pace, li ppreżenta lil Lady Bonham Carter bukkett fjuri. L-iscouts Balzanin kienu jiffurmaw parti mill-Attard-Balzan-Lija Group imwaqqaf fit-3 ta' Ġunju, 1917.

Fil-bieb tal-knisja l-Gvernatur ġie milqugħ mill-kappillan Dun Franġisk Saverju Zahra, li flimkien mal-qassisin tar-raħal fosthom Dun Franġisk Agius dawruh mal-knisja, fejn ra r-rikkezzi li tippossedi ta' fided antiki, ilbies sagru li jmur lura għas-sena 1670, u pittura antika li ġibdet l-attenzjoni ta' Lady Bonham Carter, li kienet tifhem fl-arti u dak kollu konness magħha.

Wara l-Gvernatur mexa sad-dar tal-kappillan qalb il-folla li nġabret maż-żewġ naħat tat-triq. Hawn ta' min isemmi kumment li għamel reporter ta' ġurnal li kien joħroġ dak iż-żmien. Hu nnota li t-tfal li ħarġu ma' ommijiethom fil-bieb ta' barra biex jassistu għal din il-ġrajja kienu lebsin tajjeb, b'wiċċhom maħsul sewwa u



Il-wasla tal-Gvernatur ħdejn il-knisja. Jidher ukoll il-Kappillan Zahra.

xagħarħom mimxut pulit. Kumment li ftit jagħmel sens illum iżda dak iż-żmien l-iġjene u l-pulitezza ftit kienu jingħataw importanza. Biex tara tfal jiġru barra ħafjin, b'wiċċhom imgermed, u xagħarhom imħabbel kienet ħaġa komuni.

Fid-dar tal-kappillan, il-Gvernatur ġie introdott man-nies prominenti li kienu joqogħdu f'Ħal Balzan fosthom l-Imħallef Prof. E. Ganado u l-mara tiegħu, il-Maġistrat S. Vella, li kienu joqogħdu fi Triq il-Kbira, ta' l-ewwel f'Nru 46 u tat-tieni f'Nru 107, il-Profs. Gatt u s-Sinjura, is-Sur Crouch u s-Sinjura, u s-Sur Burns u s-Sinjura. In-neputija ż-żgħira tal-kappillan Lucy Frendo, ippreżentat bukkett fjuri waqt li oħtha qrat indirizz ta' merħba.

Fid-diskors, wara li ġiet imfissra lilu parti mill-istorja tar-raħal, reġgħet saret it-talba li kienu qed jagħmlu l-Balzanin, biex bini antik quddiem il-knisja jitwaqqa' u titwessa Triq il-Kbira. Il-Gvernatur irrisponda li dik it-talba aħjar saret lill-Profs. Gatt, Direttur tax-Xogħlijiet, li kien hemm preżenti, iżda kompla li hu mhux ċert jekk it-talba setgħetx tiġi milqugħa. Il-mistednin imbagħad daħlu jżuru l-ġnien. Iż-żjara fid-dar tal-kappillan spiċċat bil-preżentazzjonijiet lill-Gvernatur ta' iljun żgħir u bust ta' Shakespeare, imnaqqxa fil-ġebla Maltija mill-iskulturi Spiro u Luigi Sammut.



Charles Bonham Carter
19th July 1936

Minn hawn il-Gvernatur u martu marru fil-każin San Gabriel. Jilqgħuhom sabu lill-President John Borg u s-Segretarju Valent Cardona flimkien mal-membri. Fil-bitħa tal-każin kien hemm iddoqq banda żgħira li malli daħal il-Gvernatur daqqet il-"God Save the King." Wieħed mill-ġurnali jgħid li dawk li kienu qed idoqqu kienu mil-lokal "a small local band was playing". Forsi ingħaqdu għall-okkażjoni, għax ta' min ifakkar li l-banda kif nafuha llum fil-każin San Gabriel, ġiet iffurmata fis-sena 1952.

Waqt li l-Gvernatur kien fil-każin, is-Sur Ġorġ Sammut qal kelmtejn ta' merħba, fejn fost l-oħrajn tenna li Ħal Balzan kien raħal kwiet u n-nies la jagħtu xi jgħid lill-kappillan u lanqas ma jħabbtu lill-pulizija. Wara t-tfajjel Valentin Muscat qara diskors u Miss Debono, f'isem il-kumitat u l-imseħbin, ippreżentat bukkett fjuri lil Lady Bonham Carter. Wara spiċċaw bi trattament.

L-aħħar żjara saret lill-każin Maria Annunzjata fejn kien milqugħ mill-President S. Pisani. Iż-żjara tal-Gvernatur spiċċat b'turija oħra ta' affezzjoni u qima lejn ir-rappreżentant tar-Re f'Malta mill-poplu Balzani.

## Riferenzi:-


Il-Barka, 20-07-1936; p 4
Lehen is-Sewwa, 21-07-1936; p 2
The Malta Chronicle & Imperial Service Gazette, 20-07-1936; p 4 u p 6.
The Times of Malta, 20-07-1936; p 4.


**Fil-ġranet tal-festa nħeġġukom sabiex iżżejnu l-faċċati, tixegħlu l-gallariji, ittellgħu l-bnadar u l-festuni**